**Qorti tal-Magistrati**
**(Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .**

**Magistrat : Dr. Paul Coppini LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**VS**

**Antonello Urbano, ta' 24 sena, bin Giovanni u Natalina nee' Scibila, imwieled Paterno`, Italja fit-8 ta' Gunju, 1976 u residenti Flat 4C, Trieste Flats, Block 2, Triq Qbajjar, Marsalforn, Ghawdex, (ID Card Taljana Nru: AE 8252774); U**

**Massimo D'Andrea, ta' 26 sena, bin Gennaro u Grazia nee' Zafami, imwieled Messina fil-25 ta' Lulju, 1974 u residenti Flat 4C, Trieste Flats, Block 2, Triq Qbajjar, Marsalforn, Ghawdex, (ID Card Taljana nru: AC 6835143) .**

**Illum 16 ta' Jannar, 2001 .**

**Il-Qorti :**

**Rat l-akkuza li permezz taghha l-imputati gew akkuzati :**

**A) talli fil-lejl ta' bejn it-tlieta (3) u l-erbgha (4) ta' Ottubru, 2000 ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-fond maghruf bhala Water Edge Kiosk, Triq Santa Marija, Marsalforn, ghad-dannu ta' Grace Grech, liema serq hu aggravat mill-mezz, valur, u l-hin .**
**B) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn LM50 izda inqas minn LM500, ghad-dannu ta' l-istess Grace Grech .**
**C) talli fis-6 ta' Ottubru, 2000, u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'Ghawdex, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom .**

**Rat l-atti kollha esebiti mal-kawza, inkluza l-verbali tax-xhieda prodotti .**

**Rat ukoll l-atti tal-process verbal relattiv ghall-inkjesta in konnessjoni mas-serqa in kustjoni .**

**Rat l-artikli ta' l-avukat Generali li jgibu d-data ta' l-ewwel (1) ta' Novembru, tas-sena elfejn, li permezz ta' l-istess artikli dan il-kaz intbaghat quddiem din il-Qorti sabiex bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tipprocedi quddiem l-istess imputati a tenur ta' l-istess artikli .**

**Semghet lill-imputati prezenti fl-awla llum stess jammettu t-tielet akkuza ta' ricettazzjoni ;**

**Il-Qorti in vista ta' din l-ammissjoni u peress illi ma rrizulta ebda provi dwar min attwalment ikkommetta s-serq in kustjoni, u aktar, min ikkaguna l-hsara kommessa f'din is-serqa ;**

**Issib lill-imputati hatja tat-tielet akkuza, u tilliberahom mill-ewwel u t-tieni akkuza, wara li rat l-artiklu wiehed u ghoxrin A (21A) tal-kap 9, tikkundannahom ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena, b'effett mil-lum. U dana wara li l-Qorti spjegat lill-imputati t-tifsir ta' din is-sentenza w il-konsegwenzi taghha .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Skrim6100Pcc